



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 96/22

il-Lussemburgu, 2 ta' Ġunju 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi Magħquda C-148/21 u C-184/21 | Louboutin (Użu ta' Sinjal Falz f'Suq Online)

Bejgħ online ta' żraben Louboutin falzi : skont l-Avukat Ġenerali Szpunar, il-partikolarità tal-mod ta' funzjonament ta' Amazon ma twassalx għall-konklużjoni tal-użu ta' sinjal fis-sens tad-dritt tal-Unjoni

Għalkemm huwa joffri sensiela ta' servizzi li jvarjaw mill-pubblikazzjoni ta' offerti ta' bejgħ sal-ispedizzjoni tal-prodotti, dan l-intermedjarju tal-internet ma jistax jitqies li huwa direttament responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetarji tat-trade marks li jsir fuq il-pjattaforma minħabba offerti ta' terzi

Il-grupp Amazon huwa kemm distributur magħruf u operatur ta' suq. Għal dan il-għan, Amazon jippubblika fis-sit ta' bejgħ online tiegħu kemm reklami dwar il-prodotti tiegħu stess, li huwa jbiegħ u jibgħat f'ismu stess, kif ukoll reklami ta' bejjiegħa terzi. Barra minn hekk, Amazon joffri lill-bejjiegħa terzi servizzi komplementari ta' ħażna u ta' spedizzjoni tal-prodotti mqiegħda online fuq il-pjattaforma tiegħu, billi jinforma lix-xerrejja potenzjali li huwa ser ikun responsabbli għal dawn l-attivitajiet.

Christian Louboutin huwa diżinjatur taż-żraben Franċiż li l-prodotti l-iktar magħrufa tiegħu huma ż-żraben tan-nisa b'takkuna għolja. Il-qiegħ estern bil-kulur aħmar, li permezz tiegħu dawn saru famużi, huwa rreġistrat bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea u bħala trade mark tal-Benelux.

Fis-siti Amazon jidhru regolarment reklami relatati ma' żraben b'qiegħ aħmar li, fir-rigward tagħhom, C. Louboutin jiddikjara li huma prodotti li t-tqegħid fis-suq tagħhom ma sarx bil-kunsens tiegħu. Permezz ta' żewġ rikorsi ppreżentati fil-Lussemburgu (C-148/21) u fil-Belġju (C-184/21) kontra Amazon, huwa jsostni li din il-pjattaforma għamlet użu minn sinjal identiku għat-trade mark li huwa proprjetarju tagħha għal prodotti jew servizzi identiċi għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark inkwistjoni, u huwa jinsisti b'mod partikolari fuq il-fatt li r-reklami kontenzjużi jagħmlu parti integrali mill-komunikazzjoni kummerċjali ta' Amazon.

Fil-kuntest ta' analiżi kkaratterizzat mill-mod ta' funzjonament ibridu ta' Amazon, iż-żewġ qراطي qajmu b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk l-operatur ta' tali pjattaforma ta' bejgħ online jistax jitqies li huwa direttament responsabbli għall-ksur tad-drittijiet ta' proprjetarji ta' trade mark fil-pjattaforma tiegħu. Din il-kwistjoni, kuntrarjament għal dik relatata mar-responsabbiltà indiretta, hija s-suġġett ta' sistema armonizzata fid-dritt tal-Unjoni ¹.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Maciej Szpunar jipprovdi kjarifiki dwar il-kunċett ta' "użu" tat-trade mark minn intermedjarju li jopera fuq l-internet, li għandhom fil-fehma tiegħu jiġu applikati billi tiġi adottata l-perċezzjoni ta' utent tal-pjattaforma inkwistjoni. Huwa jfakkar f'dan ir-rigward li mill-ġurisprudenza

¹ Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)

stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li **l-att ta' użu minn intermedjarju tal-internet jippreżupponi** "tal-inqas, li dan tal-aħħar juża s-sinjal **fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu**"².

L-Avukat Ġenerali jqis li din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta **d-destinatarju ta' din il-komunikazzjoni jistabbilixxi rabta partikolari bejn l-intermedjarju u s-sinjal inkwistjoni**, u jżid li tali kundizzjoni għandha tkun analizzata mill-perspettiva tal-**utent tal-pjattaforma inkwistjoni**, sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk is-sinjal inkwistjoni jidhirlux li huwa parti integrali minn din il-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu.

Fil-fehma tiegħu, il-perċezzjoni ta' utent tal-internet ta' pjattaforma ta' bejgħ online normalment informat u raġonevolment attent tikkostitwixxi element neċessarju għad-determinazzjoni tal-użu ta' sinjal fil-komunikazzjoni kummerċjali tal-operatur ta' din il-pjattaforma.

F'dak li jirrigwarda, barra minn hekk, l-effett tal-mod ta' funzjonament ta' Amazon fir-rigward tar-rikonoxximent tal-"użu" tat-trade mark fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, l-Avukat Ġenerali jfakkar li l-unika ipoteżi msemmija hija dik tar-**responsabbiltà diretta** tal-operatur ta' pjattaforma ta' bejgħ online, sa fejn dan tal-aħħar jagħmel użu minn sinjal identiku għal trade mark. Barra minn hekk, għalkemm huwa jindika li l-offerti ta' bejjiegħa terzi u dawk ta' Amazon jiġu ppreżentati b'mod uniformi u jinkludu kollha l-logo ta' Amazon, l-Avukat Ġenerali jirrileva li jiġi **dejjem speċifikat, fir-reklami, jekk il-prodotti jkunux qed jinbiegħu minn bejjiegħa terzi jew direttament minn Amazon**.

Għalhekk, is-sempliċi fatt li r-reklami ta' Amazon u dawk ta' bejjiegħa terzi jiġihalltu flimkien ma jistax iwassal lil utent internet normalment informat u raġonevolment attent jipperċepixxi s-sinjali murija fir-reklami ta' bejjiegħa terzi **bħala li jagħmlu parti integrali mill-komunikazzjoni kummerċjali ta' Amazon**. L-istess jgħodd għal dak li jirrigwarda **s-servizzi komplementari ta' assistenza, ta' ħażna u ta' spedizzjoni ta' prodotti li jkollhom sinjal identiku għal trade mark**, li għalihom Amazon ikun ikkontribwixxa wkoll b'mod attiv għat-tfassil u għall-pubblikazzjoni tal-offerti ta' bejgħ tagħhom.

L-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-operatur ta' pjattaforma online bħalma huwa Amazon **ma jagħmilx użu minn sinjal**.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test shif](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

² Sentenzi tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google, [C-236/08 sa C-238/08](#), punt 56 (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 32/10](#)); tat-12 ta' Lulju 2011 *et*, [C-324/09](#), punt 102 (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 69/11](#)); tat-2 ta' April 2020, Coty Germany, [C-567/18](#), punt 39 (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 39/20](#)).

Ibqgħu konnessi!

